**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Jannar 2021**

**Kawza Nru. 6**
**Rik. Gur. Nru. 581/2020 JZM**

**Association of Airline Pilots Malta (ALPA) f`isimha proprju u ghan-nom u fl-interess ta` James Dunford [KI 585174(M)], Christopher Calleja [KI 71573(M), Carmel Borg Giuliano [KI 138574 (M)], James Fenech [KI 137975 (M)], Christopher Muscat [KI 170574(M)], Gordon Agius [KI 120374(M)], Kevin Whitehead [KI 185373(M)], Emanuel Abela [KI 239068(M)], Denise Casolani [KI 506972(M)], Karen Sant [KI 523674(M)], Karl Falzon [KI 200371(M)], Alan Farrugia [KI 234572(M)], Mark Soler [KI 23372(M)], Charmaine St. John [KI 171974(M)], Chris Vella [KI 228473(M)], Cathia Mifsud Bonnici [KI 194277(M)], Dennis Galea [KI 64376(M)], Alessandro Muscat [KI 369876(M)], Andrea Burlo [KI 169070 (M)], Philip Tabone [KI 300978(M)], Ronald Cassar [KI 327975(M)], Christian Agius [KI 34181(M)], Mario Bezzina [KI 167373(M)], George Mizzi [KI 7176(G)], Rowena Pellegrini [KI 262178(M)], Cedric Fenech Azzopardi [KI 447475(M)]**

***kontra***

**Air Malta p.l.c. (C2685)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-15 ta` Lulju 2020 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-kondizzjonijiet tal-impieg tal-bdoti impjegati mal-kumpanija konvenuta, kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali relatati mal-istess impieg, huma regolati mill-Ftehim Kollettiv konkluz bejn l-Assocjazzjoni attrici u l-kumpanija konvenuta nhar is-sitta u ghoxrin ta` Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018), ossia mill-kuntratt intestat `Collective Agreement between Air Malta and the Association of Airline Pilots Malta (Malta) – 1st January 2018 – 31st December 2022`.*

*2. Illi permezz ta` komunikat datat sebgha ta` April tas-sena elfejn u ghoxrin (07.04.2020), il-kumpanija konvenuta kienet innotifikat lill-Assocjazzjoni attrici, kif ukoll lid-Direttur Generali tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg, bil-hsieb taghha li tiddikjara sensji kollettivi ai termini tar-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Harsien tal-Impiegi) (Legislazzjoni Sussidjarja 452.80) (Dok. ALPA 1).*

*3. Illi, permezz ta` komunikati identici ghal dak anness u mmarkat bhala Dok. ALPA 2 [liema avvizi ntbaghtu nhar il-Gimgha, hamsa ta` Gunju (05.06.2020) ghall-habta tal-hdax ta` filghaxija (23.00)], il-kumpanija konvenuta kienet avzat lil disgha u sittin bdot (69) li l-impieg taghhom kien se jigi tterminat b`effett minn nofs il-lejl u minuta (00.01) ta` nhar it-tmienja ta` Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (08.06.2020).*

*4. Illi, permezz ta` komunikati identici ghal dak anness u mmarkat bhala Dok. ALPA 3 [liema avvizi ntbaghtu kontestwalment mal-komunikati surreferiti nhar il-Gimgha, hamsa ta` Gunju ghall-habta tal-hdax ta` filghaxija (23.00)], il-kumpanija konvenuta kienet infurmat lil tletin (30) Kaptan, inkluz lis-sitta u ghoxrin (26) bdot attur f`din il-kawza, li kienu se jinghataw demotion ghal First Officer b`effett minn nofs il-lejl u minuta (00.01) ta` nhar it-tmienja ta` Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (08.06.2020).*

*5. Illi, permezz ta` digriet datat sitta u ghoxrin ta` Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (26.06.2020), l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-Assocjazzjoni rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni bin-numru 659/20 TA fl-ismijiet "Association of Airline Pilots Malta (ALPA) -vs- Air Malta plc" in parte, u, konsegwentement, iddikjarat li kienet qieghdha "tipprovdi dwar ir-rikors tas-7 ta` Gunju 2020 ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni billi tvarja d-digriet provvisorju taghha li jgib l-istess data u zzommu ferm biss sa fejn jirrigwarda u limitatament ghar-rigward tad-demotions u tilqà ghalhekk parzjalment u definittivament it-talbiet tal-Assocjazzjoni [rikorrenti] sa fejn jirrigwarda biss id-demotions u ghalhekk tordna l-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni kontra s-Socjetà intimata f`dan ir-rigward biss u cioe` tad-demotions ta` dawk il-piloti li ser jinzammu fl-impjieg."*

*6. Illi, ghaldaqstant l-Assocjazzjoni attrici, f`isimha proprju u ghan-nom u fl-interess tal-bdoti affettwati mid-decizjoni surreferita tal-kumpanija konvenuta, qieghdha tintavola din il-kawza ai termini ta` dak ipprovdut fl-Artikoli 843(1) u 876A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan ghar-rigward tal-pretensjonijiet taghha relattivi ghall-imposizzjoni tad-demotions prospettati mill-kumpanija konvenuta.*

*7. Illi l-imsemmija decizjoni tal-kumpanija konvenuta li timponi dawn id-demotions fuq il-bdoti atturi rapprezentati f`din il-kawza ttiehdet minghajr assolutament ebda forma ta` konsultazzjoni mal-Assocjazzjoni attrici.*

*8. Illi, b`zieda mas-suespost, jigi rrilevat li dawn id-demotions gew imposti fuq l-istess bdoti minghajr ma gew avvicinati individwalment, jew, almenu, infurmati jew kkonsultati dwar din il-possibilità.*

*9. Illi, ghaldaqstant, dawn id-demotions gew ikkomunikati u imposti mill-kumpanija konvenuta b`mod arbitrarju u unilaterali u bi ksur tad-drittijiet tal-istess membri tal-Assocjazzjoni attrici, kif protetti mill-Ftehim Kollettiv vigenti [`Collective Agreement between Air Malta and the Association of Airline Pilots Malta (Malta) – 1st January 2018 – 31st December 2022`].*

*10. Illi, ghaldaqstant, fi kwalunkwe kaz, tali decizjoni ma ssib assolutament l-ebda riskontru jew bazi fl-obbligi imposti fuq il-kumpanija konvenuta, qua principal, ai termini tar-Regolamenti*

*dwar Sensji Kollettivi (Harsien tal-Impiegi) (Legislazzjoni Sussidjarja 452.80).*

*11. Illi tali decizjoni giet ikkomunikata direttament lill-bdoti atturi rapprezentati f`din il-kawza, qua l-Kaptana affettwati mill-istess decizjoni, nhar il-Gimgha hamsa ta` Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (05.06.2020) ghall-habta tal-hdax ta` filghaxija (23.00). Il-Kumitat Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni attrici ma nghata assolutament l-ebda pre-avviz jew imqar xi forma ta` hjiel dwar l-intenzjoni jew dwar il-hsieb tal-kumpanija konvenuta f`dan ir-rigward. Fil-fatt, il-membri tal-Kumitat Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni attrici ingiebu a konoxxenza ta` din id-decizjoni wara li whud minn dawn il-bdoti ghamlu kuntatt maghhom.*

*12. Illi n-nuqqas ta` xi forma ta` negozjati kondotti mal-Assocjazzjoni attrici f`dan ir-rigward huwa, fih innifsu, leziv tad-drittijiet u tal-obbligi konnessi mal-qadi tal-funzjoni taghha qua Trade Union, kif protetti mil-ligi, inter alia, mir-Regolamenti dwar Dritt ghal Informazzjoni u Konsultazzjoni ma` l-Impjegati (Legislazzjoni Sussidjarja 452.96), kif derivanti, inter alia, mill-Artikolu 27 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mill-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali.*

*13. Illi l-imposizzjoni tad-demotions prospettati mill-kumpanija konvenuta hija, fiha nfisha, leziva tad-drittijiet tal-membri tal-Assocjazzjoni attrici, kif protetti mill-Ftehim Kollettiv vigenti, kif ukoll tal-garanziji moghtija lilhom permezz ta` ftehim datat tmintax ta` Awissu tas-sena elfejn u sittax (18.08.2016), konkluz bejn l-Assocjazzjoni attrici u l-Gvern ta` Malta, qua l-azzjonista principali u maggoritarju tal-kumpanija konvenuta. Permezz ta` tali ftehim, il-membri tal-Assocjazzjoni attrici, li dak iz-zmien kienu jokkupaw il-kariga ta` Kaptan, kienu inghataw garanzija li "kull pilota jibqa` fil-grad li presentement jinsab u ma jinghatax demotion" (`Dok. ALPA 4`).*

*14. Illi tali ftehim konkluz mal-Gvern ta` Malta jifforma parti integrali mill-Ftehim Kollettiv vigenti u jinsab anness mal-istess Ftehim Kollettiv bhala `Appendix A` (`Dok ALPA 4`). Dawn l-obbligi gew sahansitra ikkonfermati permezz ta` skrittura ohra konkluza mal-Gvern ta` Malta nhar id-disgha u ghoxrin ta` Marzu tas-sena elfejn u sbatax (29.03.2017), liema skrittura giet annessa wkoll mal-istess Ftehim Kollettiv u hemm immarkata bhala `Appendix*

*A1`, u liema skrittura, wkoll, tifforma parti integrali mill-istess Ftehim Kollettiv (`Dok. ALPA 5`).*

*15. Illi l-impozizzjoni tad-demotions surreferiti tammonta ghal azzjoni unilaterali u ghal varjazzjoni arbitrarja u illegali tal-kondizzjonijiet tal-impieg tal-atturi, qua membri tal-Assocjazzjoni attrici, kif ukoll tad-drittijiet u tal-obbligi kuntrattwali relattivi, kif protetti permezz tal-Ftehim Kolettiv vigenti, inkluz mill-klawzola `43.4` tal-istess, kif ukoll permezz tal-iskritturi surreferiti konkluzi mal-Gvern ta` Malta li jifformaw parti integrali mill-istess Ftehim Kollettiv.*

*16. Illi l-agir tal-kumpanija konvenuta se ssarraf fi pregudizzju ghall-atturi, konsistenti f`danni derivanti mill-varjazzjoni uniltaterali tal-kondizzjonijiet tal-impieg taghhom, f`telf ta` beneficcji u opportunitajiet konnessi mal-istess, kif ukoll f`telf finanzjarju.*

*17. Illi l-agir tal-kumpanija konvenuta se jsarraf ukoll f`differenza mhux gustifikata fit-trattament tal-bdoti li nzammu fl-impieg mill-kumpanija konvenuta.*

*18. Illi tali agir se jsarraf ukoll fi pregudizzju ghall-karriera u ghall-futur lavorattiv tal-bodti atturi fl-eventwalità li kellhom jiddeciedu li jfittxu xoghol bhala Kaptana ma` kumpanija tal-ajru ohra fil-futur, u dan kif se jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.*

*19. Illi, minkejja li interpellata kemm-il darba, fosthom permezz ta` Protest Gudizzjarju bin-numru 182/2020 intavolat nhar it-tlieta ta` Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (03.07.2020), il-kumpanija konvenuta ghazlet li tibqà inadempjenti, bil-konsegwenza li kellha tigi intavolata din il-kawza (`Dok. ALPA 6`).*

*Ghaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, l-Assocjazzjoni attrici titlob bir-rispett lill-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun, joghgobha :*

*1. Tiddikjara li l-agir tal-kumpanija konvenuta, konsistenti fl-imposizzjoni tad-demotions surreferiti minghajr il-kunsens tal-*

*atturi, jammonta ghal mizura arbitrarja u unilaterali bi ksur tad-drittijiet kuntrattwali u tal-kondizzjonijiet tal-impieg tal-istess bdoti atturi, kif protetti mill-Ftehim Kollettiv vigenti [`Collective Agreement between Air Malta and the Association of Airline Pilots Malta (Malta) – 1st January 2018 – 31st December 2022`].*

*2. Tiddikajra li l-atturi ghandhom jedd protett mill-Ftehim Kollettiv li jibqghu jgawdu mill-kondizzjonijiet tal-impieg taghhom u mid-drittijiet kuntrattwali relattivi protetti mill-Ftehim Kollettiv vigenti [`Collective Agreement between Air Malta and the Association of Airline Pilots Malta (Malta) – 1st January 2018 – 31st December 2022`], kif ukoll minn kull ftehim ancillari u/jew konness mal-istess.*

*3. Tordna lill-kumpanija konvenuta sabiex tirreintegra lill-atturi fil-kondizzjonijiet tal-impieg taghhom, kif protetti mill-Ftehim Kollettiv vigenti [`Collective Agreement between Air Malta and the Association of Airline Pilots Malta (Malta) – 1st January 2018 – 31st December 2022`], kif ukoll sabiex tnehhi kwalunkwe impediment kkagunat u/jew impost minnha b`konsegwenza tal-agir abbuziv taghha.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk konnessi mal-Mandat ta` Inibizzjoni bin-numru 659/20 TA, mal-Protest Gudizzjarju bin-numru 182/2020 u mal-Protest Gudizzjarju bin-numru 156/2020, u b`rizerva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi fil-konfront tal-kumpanija konvenuta u fil-konfront ta` terzi interessati, kif ukoll b`rizerva ghal kull azzjoni ohra, civili, industrijali, penali u kostituzzjonali, u bl-ingunzjoni, minn issa, ta` rapprezentanti tal-kumpanija konvenuta ghas-subizzjoni taghhom,*

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi.

Rat id-dokumenti li pprezentaw l-atturi mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fis-<u>7 ta` Awwissu 2020</u> li taqra hekk:-

***<u>Id-Difiza</u>***

*1. Preliminarjament jigi rrilevat, ai termini tal-artikolu 741(a) tal-Kap. 12, li f`paragrafu 17 tar-Rikors Guramentat ir-rikorrenti jirreferu ghal fatt li l-agir tas-socjetà esponenti se jsarraf fi trattament differenti (u allura ta` natura diskriminatorja) fir-rigward tal-bdoti li huma fl-impieg tas-socjetà esponenti. F`dan il-qafas jinghad illi din il-materja taqa` taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali permezz tal-artikoli 75(1)(b) u 30(1) tal-Kap. 452 fejn hemm stabbilit li fejn persuna tilmenta ksur tal-artikolu 26 (diskriminazzjoni) tal-Kap. 452, ghandha tipprezenta l-ilment taghha quddiem it-Tribunal Industrijali.*

*F`dan ir-rigward, is-socjetà esponenti tissottometti, bir-rispett, li kull lanjanza maghmula abbazi ta` diskriminazzjoni f`kuntest ta` impieg, taqa` taht il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali u, ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-kompetenza tiddetermina tali lanjanza.*

*2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ai termini tal-Artikolu 558 tal-Kap. 12, kull prova ghandha tkun rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet. Dan jinghad fir-rigward tal-elenku ta` xhieda li pprezentaw ir-rikorrenti, b`referenza specifika ghal dawk elenkati minn punt 9 sa punt 16. Dan jinghad ghaliex jidher li ma hemm ebda konnessjoni bejn dawn ix-xhieda u t-talbiet li saru lill din il-Qorti fil-proceduri odjerni. Il-proceduri mressqa mir-rikorrenti titratta dwar jekk is-socjetà esponenti ghandhiex id-dritt li tiddikjara demotions minghajr qbil mar-rikorrenti u ghaldaqstant il-provi li huma ndikati li jistghu jingiebu permezz ta` dawk ix-xhieda ma huma ta` ebda relevanza ghal dawn il-proceduri. Din l-Onorabbli Qorti ghalhekk ghandha tordna lir-rikorrenti jispecifikaw ir-rilevanza ta` dawn ix-xhieda fil-kuntest tal-kawza u, f`kaz fejn jidhrilha li x-xhieda ma humiex rilevanti, tichad li jigu pprezentati ai termini tal-artikolu 560(1) tal-Kap. 12.*

*3. Inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hija ntempestiva u r-rikorrenti kellhom l-ewwel jezawrixxu r-rimedji taghhom, fir-rigward ta` din it-tilwima, skont il-ftehim kollettiv vigenti (kopja annessa u mmarkata Dok `AM 1`) (il-"Ftehim kollettiv") bejn il-partijiet – pacta sunt servanda. Dan jinghad fil-kuntest tal-Ftehim Kollettiv minhabba li r-rikorrenti ghandhom rimedju li johrog mill-Ftehim Kollettiv, senjatament taht il-procedura ta` private conciliation u compulsory private arbitration, kif ukoll Status Quo. Madanakollu, hemm provdut mekkanizmu sabiex, f`kaz ta` nuqqas ta` ftehim dwar l-interpretazzjoni dwar il-Ftehim Kollettiv, parti tista` tinvoka l-iStatus Quo sakemm il-process ta` konciljazzjoni jew arbitragg jigi konkluz.*

*4. Inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jallegaw li sofrew danni minhabba l-agir tas-socjetà esponenti. Apparti l-fatt illi fil-Ftehim Kollettiv stess hemm rimedju kif spjegat f`paragrafu 3 hawn fuq, ir-rikorrenti jonqsu milli jispjegaw id-danni li allegatament qed isofru (jew li ser isofru) b`konsegwenza li s-socjetà esponenti hija prekluza milli tressaq l-eccezzjonijiet taghha dwar dan il-mertu. Ghaldaqstant, u ghal kull buon fini, is-socjetà esponenti tirrizerva kull dritt spettanti lilha biex tressaq eccezzjonijiet ulterjuri f`dan ir-rigward.*

*5. Inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u, ghaldaqstant, ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, kif ser jintwera waqt is-smigh ta` dawn il-proceduri.*

*6. Salv risposti ulterjuri li joghgobha tippermetti din l-Onorabbli Qorti.*

*7. Bl-ispejjez.*

***<u>Il-Fatti</u>***

*8. Fir-rigward tal-ewwel paragrafu tar-Rikors Guramentat, is-socjetà esponenti m`ghandha xejn xi zzid.*

*9. Fir-rigward tat-tieni, t-tielet, u r-raba` paragrafu tar-Rikors Guramentat, is-socjetà esponenti ticcara illi fil-komunikat taghha tas-7 ta` April 2020, is-socjetà esponenti baghtet notifika ufficjali ta` sensji kollettivi lid-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali u lill-Kumitat Ezekuttiv tal-ALPA biex tgharrafhom bl-intenzjoni u sabiex jibda jiskatta l-ewwel perijodu ta` tletin (30) gurnata ta` konsultazzjonijiet, kif kienet obbligata taghmel skont il-ligi. Fl-istess notifika, specifikament f`punt 3 (Criteria For Selection of Redundant Employees), is-socjetà esponenti informat lir-rikorrenti kif kienet ser taghzel l-impjegati li kienu soggetti ghas-sensja kif ukoll id-demotions jew `bumping down` ta` dawk li jibqghu fl-impieg. Dan qatt ma gie kontestat mill-ALPA matul il-perjodu shih ta` konsultazzjoni.*

*10. Is-socjetà esponenti ticcara wkoll li n-notifika ufficjali ta` sensji kollettivi kienet fil-fatt giet segwita b`sittin (60) gurnata ta` konsultazzjoni bejnha u l-ALPA (peress illi l-ewwel perijodu ta` tletin (30) gurnata gie estiz b`perijodu ta` tletin (30) gurnata ohra, li huwa l-massimu skond il-ligi). F`dan ir-rigward, is-socjetà esponenti zammet fl-impieg dawk il-bdoti li kienu ilhom fl-impjieg ghall-aktar zmien, kif hija obbligata taghmel in segwitu tal-klawsola 43.4 tal-Ftehim Kollettiv. Ghaldaqstant, peress illi il-bdoti huma effettivament maqsumin f`zewg gruppi – First Officers u Kaptani – u Kaptan jista` jaghmel ukoll ix-xoghol ta` First Officer, is-socjetà esponenti ghazlet li jigu meqjusin bhala grupp wiehed u tapplika l-principju ta` last-in, first-out billi tiehu konjizzjoni tas-seniority tal-kaptana fil-pozizzjoni ta` First Officer, kif jobbligaha li taghmel il-Ftehim Kollettiv.*

*11. Skont il-Ftehim Kollettiv, l-istess principju kellu jigi applikat fir-rigward tad-demotions, u dan ukoll skont it-termini tal-klawsola 43.4. Ghadaqstant, is-socjetà esponenti sa mill-bidu nett uriet l-intendiment taghha lill-impjegati taghha kif ukoll lill-ALPA meta baghtet il-komunikazzjoni fis-7 ta` April 2020.*

*12. Fir-rigward tal-hames u s-sitt paragrafu tar-Rikors Guramentat, is-socjetà esponenti m`ghandha xejn xi zzid.*

*13. Fir-rigward tas-seba`, t-tmien, u d-disa` paragrafu tar-Rikors Guramentat, is-socjetà esponenti ssostni li l-passi li hadet huma dawk kif inhi obbligata tiehu skont il-Ftehim Kollettiv u l-ligi u ma huwiex minnu li ma sarux konsultazzjonijiet meta, fil-fatt, kien hemm sittin (60) gurnata ta` konsultazzjonijiet. Huwa wkoll minghajr bazi li r-rikorrenti jallegaw li s-socjetà esponenti kellha obbligu tinforma lill-bdoti individwalment u referenza ssir ghad-definizzjoni stess ta` "informazzjoni" taht l-artikolu 2 tar-Regolamenti Dwar id-Dritt Ghal Informazzjoni u Konsultazzjoni ma` l-Impjegati (L.S. 452.96) fejn il-kelma stess tfisser l-informazzjoni li l-principal jittrasmetti lir-rapprezentanti tal-impjegati u mhux, kif insinwat, lill-impjegati individwalment. Minbarra dan, jinghad ukoll, fl-isfond tal-allegazzjoni li qedha ssir mir-rikorrenti li s-socjetà esponenti ma kisbitx il-kunsens taghhom qabel ma hadet id-decizjoni, li, fil-fatt, xejn fil-Ftehim Kolletiv, u wisq anqas fil-ligi, ma jpoggi obbligu fuq is-socjetà esponenti biex tikseb il-kunsens tal-impjegati meta taffettwa demotions. Fejn il-Ftehim Kollettiv ried jghid li jehtieg il-kunsens, jew li ssir konsultazzjoni, dan jinghad b`mod car, izda klawsola 43.4 tistipula procedura li ma tehtieg ebda kunsens jew konsultazzjoni ulterjuri.*

*14. Fir-rigward tal-ghaxar paragrafu tar-Rikors Guramentat, is-socjetà esponenti ma tarax ir-rilevanza tar-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Harsien tal-Impiegi) (L.S. 452.80) fil-kuntest tal-proceduri odjerni li, fil-fatt, jitrattaw biss id-dritt li s-socjetà esponenti tiddikjara demotions minghajr kunsens jew konsultazzjoni.*

*15. Fir-rigward tal-hdax-il paragrafu tar-Rikors Guramentat, is-socjetà esponenti m`ghandha xejn x`izzid ma` dak li digà ntqal iktar il-fuq dwar in-notifiki li saru u l-perijodu ta` konsultazzjoni li segwa tali notifiki.*

*16. Fir-rigward tat-tnax-il paragrafu tar-Rikors Guramentat, is-socjetà esponenti digà spjegat il-pozizzjoni taghha u, fi kwalunkwe kaz, ma tarax ir-rilevanza tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali fil-kuntest ta` dawn il-proceduri peress illi dawn japplikaw bhala obbligi ghal harsien tad-drittijiet tal-bniedem mill-Istat, u hemm legizlazzjoni specifika li mbaghad torbot b`mod dirett lis-socjetà esponenti u principali ohrajn.*

*17. Fir-rigward tat-tlettax, l-erbatax, u l-hmistax-il paragrafu tar-Rikors Guramentat, l-argument li jittentaw jaghmlu r-rikorrenti ma ghandu ebda bazi kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. F`dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li, permezz tal-ftehim bejn il-Gvern ta` Malta u l-ALPA tat-18 t`Awissu 2016, u dak tad-29 ta` Marzu 2017, il-bdoti kienu nghataw garanzija li jibqghu fil-grad li kienu jinsabu fih dak iz-zmien u li dan il-ftehim jifforma parti ntegrali mal-Ftehim Kollettiv. L-ewwel nett ghandu jinghad illi ghax dokument jinsab biss anness ma ftehim ma jfissirx awtomatikament li dak id-dokument jorbot lill-partijiet jew jifforma parti ntegrali mill-ftehim bejniethom – izda jista` biss, bhal f`dan il-kaz, ikun hemm ghal skop ta` referenza partikulari. Biex anness jorbot il-partijiet ta` dak il-ftehim, irid ikun hemm referenza ghalih fil-ftehim stess.*

*18. Ghaldaqstant, dawk il-garanziji li kienu nghataw lill-bdoti fil-ftehim bejn l-ALPA u l-Gvern jorbtu biss lill-ALPA u l-Gvern, sakemm il-Ftehim Kollettiv ma jghidx mod iehor. Dawk il-garanziji kienu nghataw f`kuntest partikolari u, fil-fatt, referenzi ghal dak il-ftehim fil-Ftehim Kollettiv huma specifici hafna u kollha ghandhom x`jaqsmu ma hinijiet u sieghat ta` xoghol - ara klawsoli 2.16, 2.17, 12.3, u 12.7 tal-Ftehim Kollettiv. Minbarra dan, kull klawsola fil-*

*Ftehim Kollettiv li tirreferi ghal dak il-ftehim bejn il-Gvern ta` Malta u l-ALPA hija minghajr pregudizzju ghal dak miftiehem f`dak il-ftehim u b`hekk jorbtu s-socjetà esponenti bhala parti fil-Ftehim Kollettiv imma limitatament ghal dawk id-dispozizzjonijiet u kwistjonijiet fejn issir referenza specifika ghalihom. Minkejja dan, klawsola 43.4, li ghandha x`taqsam ma demotions, ma taghmilx referenza ghal dak il-ftehim u, konsegwentement, ebda ftehim bejn l-ALPA u l-Gvern ma jista` jorbot lis-socjetà esponenti f`dak il-kaz.*

*19. Apparti dak, irid jinghad ukoll li kull garanzija moghtija lill-bdoti permezz ta` dak il-ftehim hija garanzija mill-Gvern u mhux mis-socjetà esponenti li mhix parti ghalih u ma hadet ebda rbit abbazi tieghu ghal dak li ghandu x`jaqsam ma` demotions. Ghaldaqstant, huwa f`dan l-isfond li l-kuncett baziku tal-ligi li tirregola l-kuntratti, senjatament l-artikolu 999 tal-Kap. 16, li ghandu jigi applikat f`dan il-kaz u li tghid illi min jikkuntratta ghalih inniffsu ma jistax jorbot lill haddiehor.*

*20. Fir-rigward tas-sittax u t-tmintax-il paragrafu tar-Rikors Guramentat, is-socjetà esponenti tghid illi ma hemmx bizzejjed informazzjoni sabiex tiddefendi ruhha u taghmel referenza ghall-eccezzjoni preliminari taghha f`dan is-sens.*

*21. Fir-rigward tas-sbatax-il paragrafu tar-Rikors Guramentat, is-socjetà esponenti ssostni, b`kull rispett dovut, illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-kompetenza guridika biex tiddeciedi dwar diskriminazzjoni u tirreferi ghall-eccezzjoni preliminari taghha f`dan is-sens.*

*22. Fir-rigward tad-dsatax-il paragrafu tar-Rikors Guramentat, is-socjetà esponenti tirrileva li laqghet ghall kull protest gudizzjarju ntavolat mir-rikorrenti (ara Dok `AM 2`).*

*23. Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta` esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u tilqa` r-risposti tas-socjeta intimata.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta guramentata.

**Rat illi fl-udjenza tat-22 ta` Settembru 2020, il-partijiet inghataw direzzjoni fis-sens illi kellha tkun trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni preliminari, peress illi din tolqot direttament il-gurisdizzjoni tal-qorti, qabel ma tghaddi ghal kull konsiderazzjoni fil-mertu.**

**Rat illi fl-istess udjenza kien dikjarat mill-partijiet illi in kwantu jirrigwarda provi dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari l-partijiet kienu qeghdin jirrimettu ruhhom ghall-atti.**

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm dwar l-ewwel eccezzjoni li saru fl-udjenza tat-3 ta` Novembru 2020.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>L-ewwel (1) eccezzjoni preliminari</u>

### 1. <u>Dritt</u>

**<u>In sostenn</u> tal-ewwel eccezzjoni preliminari, il-konvenuta tirreferi ghall-Art 741(a) tal-Kap 12, u ghall-Art 75(1)(b), ghall-Art 30(1) u ghall-Art 26 tal-Kap 452.**

### a) <u>L-Art 741(a) tal-Kap 12</u>

Id-disposizzjoni tghid :

*L-eccezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista` tinghata … meta l-kawza ma tkunx ta` gurisdizzjoni tal-qrati ta` Malta.*

**b) <u>L-Art 75(1)(b) tal-Kap 452</u>**

Id-disposizzjoni tghid :

*Minkejja kull ma jinsab f`kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi … il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta` dan l-Att jew ta` regolamenti preskritti tahtu.*

**c) <u>L-Art 30(1) tal-Kap 452</u>**

Id-disposizzjoni tghid :-

*Persuna li tallega li l-principal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista`, fi zmien erba` xhur mill-ksur allegat, tipprezenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali ghandu jisma` dak l-ilment u jwettaq dawk linvestigazzjonijiet li jqis xierqa.*

**d) <u>L-Art 26 tal-Kap 452</u>**

*L-artikolu jghid :*

*(1) Hadd ma jista` –*

*(a) fil-waqt li jaghmel reklam jew joffri impieg jew filwaqt li joffri opportunitajiet ta` impieg jew meta jigi ghall-ghazla ta` applikanti ghal impieg, jassoggetta xi applikant ghal impieg jew xi klassi ta` applikanti ghal impieg ghal trattament diskriminatorju ;*

*(b) rigward impjegati li huma digà fl-impieg tal-principal, jassoggetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta` impjegati ghal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta` kondizzjonijiet ta` impieg jew tkeccija.*

*(2) Ghall-finijiet ta` dan l-artikolu, trattament diskriminatorju jinkludi :*

*(a) l-impieg jew l-ghazla ta` persuna li tkun anqas kwalifikata minn persuna tas-sess oppost, sakemm ilprincipal ma jippruvax li l-azzjoni kienet bbazata fuq ragunijiet accettabbli*

*relatati max-xorta tax-xoghol jew ghal ragunijiet relatati mat-twettiq jew ma lesperjenza ta` xoghol maghmul qabel ;*

*(b) azzjonijiet li jghoddu ghal impjegat, termini ta` hlasijiet jew kondizzjonijiet ta` impieg li huma anqas favorevoli minn dawk li jghoddu ghal impjegat flistess xoghol jew xoghol ta` valur ugwali, abbazi ta` trattament diskriminatorju ;*

*(c) azzjonijiet li bihom il-principal xjentement jimmanigga x-xoghol, iqassam il-bicciet ta` xoghol jew mod iehor jirranga l-kondizzjonijiet tax-xoghol hekk li impjegat ikun assenjat status li manifestament ikun anqas favorevoli minn ohrajn abbazi ta` trattament diskriminatorju. Kap. 413.*

*(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ghandhom ikunu minghajr pregudizzju ghad-drittijiet u obbligi preskritti flAtt dwar Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b`Dizabilità, u ma ghandhomx jghoddu ghal kull preferenza jew eskluzjoni li tkun ragonevolment gustifikata meta wiehed iqis ix-xorta ta` posizzjoni battala li ghandha timtela` jew l-impieg offrut, jew fejn karatteristika mehtiega tikkostitwixxi htiega genwina u determinanti dwar ix-xoghol jew fejn il-htigiet huma stabbiliti minn ligijiet jew regolamenti applikabbli.*

*(4) Ghall-finijiet ta` dan l-artikolu, il-kliem "joffri impieg" jinkludu r-reklutagg jew it-tahrig ta` kull persuna bil-hsieb li dik ilpersuna tigi mpjegata, u ghar-rigward ta` persuna li tkun digà qed tahdem, tinkludi ukoll l-promozzjoni ghal grad oghla jew l-impieg fi klassi differenti ta` xoghol.*

## 2. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

**Minn ezami kemm tal-kawzali kif ukoll tat-talbiet li ressqu l-atturi, huwa car u inekwivoku ghal din il-qorti illi l-kawza fl-assjem taghha mhijiex fondata fuq il-pretensjoni li l-atturi garrbu diskriminazzjoni, izda hija fondata fuq il-pretensjoni li l-konvenuta kkommettiet vjolazzjoni tal-ftehim kollettiv vigenti bejn il-partijiet u ta` legislazzjoni li taghti sahha legali lil dak il-ftehim kollettiv.**

Imkien fil-kawzali u fit-talbiet, l-atturi ma jirreferu ghal atti ta` diskriminazzjoni allegatament kommessi mill-konvenuta fil-konfront taghhom u li wassluhom biex jintavolaw l-azzjoni odjerna wara li kienu talbu u kisbu l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-konvenuta.

Lanqas il-kelma *diskriminazzjoni* ma tissemma mkien.

L-uniku accenn, ghal kollox indirett, li evidentement issemma mill-atturi bhala argument accessorju u konsegwenzjali, liema argument ma jolqotx direttament is-sostanza tal-azzjoni fl-assjem taghha, huwa l-paragrafu 17 tar-rikors guramentat li jghid :

*"Illi l-agir tal-kumpannija konvenuta se jissarraf ukoll f`differenza mhux gustifikata fit-trattament tal-bdoti li jinzammu fl-impieg mill-kumpannija konvenuta."*

Il-qorti tishaq fuq il-kliem uzat f`dak il-paragrafu : *ukoll* u *differenza* kliem dan li jsahhah il-fehma taghha li l-Art 26 u l-Art 30(1) tal-Kap 452 m`ghandhom l-ebda rilevanza sabiex jeskludu l-gurisdizzjoni ta` din il-qorti sabiex tisma` u tiddeciedi din il-kawza.

Nigu issa ghall-Art 75(1)(b) tal-Kap 452.

Skont l-Att XXX tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap.266 tal-Ligijiet ta` Malta), il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali kienet regolata bl-Art.28(1) li kien jaqra hekk –

*Minkejja kull ma jinsab f`kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi …*

Meta sar l-Att XXIII tal-2000 dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta) li ha post il-Kap.266, id-disposizzjoni li tistabilixxi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali saret l-Art.75.

Minn ezami ta` dan l-artikolu, huwa evidenti li minn naha wahda baqghet il-gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali fi kwistjonijiet kollha ta` tkeccija allegatament ngusta mill-impjieg, u prattikament inzammet l-istess dicitura [ara s-subparagrafu (a) tas-subinciz (1) tal-Art.75] ; fl-istess waqt il-gurisdizzjoni eskluziva twessghet aktar sabiex tkopri dak kontemplat bis-subparagrafu (b) tas-subinciz (1) tal-istess artikolu.

Is-subparagrafu (b) jaqra hekk :

*<u>il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta` dan l-Att jew ta` regolamenti preskritti tahtu</u>, ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta` haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skond it-Titoli I ta` dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort`ohra ...* (sottolinear ta` din il-Qorti)

Issa fl-eccezzjoni preliminari taghha, il-konvenuta tghid li din il-qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi din il-kawza in kwantu l-pretensjonijiet tal-atturi kif dedotti jaqghu taht it-Titolu I tal-Kap.452 fejn allura t-Tribunal Industrijali huwa vestit b`gurisdizzjoni eskluziva skond l-Art.75(1)(b).

Din il-qorti tghid li s-subparagrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Art.75 jirreferi ghal dawk il-kazijiet kollha *<u>li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali</u>* bis-sahha tat-Titolu I tal-Att. Issa t-Titolu I tal-Kap.452 imsejjah "Relazzjonijiet dwar l-Impiegi" jikkomprendi tmienja u erbghin (48) artikoli mifruxa fuq seba` (7) taqsimiet :

| | | |
|---|---|---|
| Taqsima I | : | Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi |
| Taqsima II | : | Kondizzjonijiet maghrufa ta` Impieg |
| Taqsima III | : | Protezzjoni tal-Pagi |
| Taqsima IV | : | Protezzjoni kontra Diskriminazzjoni relatata ma` l-Impieg |
| Taqsima V | : | Temm ta` Kuntratti ta` Servizz |
| Taqsima VI | : | Infurzar u Ksur rigward Impiegi |
| Taqsima VII | : | Amministrazzjoni li ghandha x`taqsam ma` Impiegi |

Ghalkemm diskriminazzjoni meta tkun relatata mal-impieg taqa` fil-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali, mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali. Wiehed jasal ghall-konferma ta` dan minn esami tas-seba` taqsimiet tat-Titolu I. Proprju ghaliex fejn il-ligi riedet fit-Titolu I tirreferi ghat-Tribunal Industrijali dan ghamiltu car u tond. Fil-kaz tat-Taqsima I li tirrigwarda l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ma hemm xejn li jaqa` taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali.

Ghandu jinghad li l-gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta b`deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet tal-Kap.452 ma jistghux jigu interpretati b` mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu.

Ghalkemm fl-ewwel eccezzjoni l-konvenuta tirreferi biss ghall-paragrafu 17 tar-rikors guramentat sabiex issostni li t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni eskluziva sabiex jisma` u jiddeciedi din il-kawza, ma taghmel ebda accenn ghall-paragrafi l-ohra tar-rikors guramentat li jikkostitwixxu l-kawzali tal-azzjoni. Lanqas ma tirreferi ghat-talbiet. Mhux kontestat li l-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-impieg tal-atturi mal-konvenuta huma regolati bil-ftehim kollettiv. Il-ftehim kollettiv huwa ligi bejn il-kontraenti. Allegati vjolazzjonijiet tal-pattijiet u tal-kondizzjonijiet ta` ftehim kollettiv, kif hija del resto l-azzjoni attrici, mhux kompetenza tat-Tribunal Industrijali.

Fis-sentenza li tat din il-qorti kif presjeduta fit-30 ta` Settembru 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Karmenu Vella v. General Workers` Union** inghad hekk *inter alia* :-

> *Huwa evidenti mill-kawzali tal-azzjoni tal-lum li l-attur qed iqis il-kontenut tal-Memorandum of Understanding (esebit minnu bhala DOK B, kif ukoll mill-konvenuta bhala DOK GWU1) bhala kuntratt li johloq rabta bejnu u l-konvenuta, u abbazi ta` dak il-vinkolu, huwa qieghed jirreklama l-hlas*
>
> *…*
>
> *din il-Qorti tghid li meta l-principal u l-impjegat jikkontrattaw kuntratt ta` servizz jew kuntratt ta` impieg, u din il-Qorti tghid li l-Memorandum of Understanding fuq riferit huwa kuntratt ta` servizz jew kuntratt ta` impieg ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi (ara t-tifsira li jaghti l-Art.2 tal-Kap.452)*

*kwistjonijiet li jinqalghu dwar il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta` dak il-kuntratt, fosthom il-klawsola K.2 citata mill-attur u l-klawsola G.6 citata mill-konvenuta, ghandhom jigu determinati mill-qrati ordinarji mhux mit-Tribunal Industrijali. Propju ghaliex dawk mhumiex kwistjonijiet li l-ligi tassattivament stabbiliet li jaqghu fil-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali.*

*Fejn l-Art.5(1) ried jaghti tifsira specifika ta` kondizzjonijiet maghrufin ta` impieg semma ordni ta` standard nazzjonali jew ordni li jirregola settur jew ftehim kollettiv inkella ftehim volontarju (fit-test Ingliz voluntary settlement) jew decizjoni (fit-test Ingliz award). Fl-istess waqt, id-disposizzjoni ma taghmel l-ebda riferenza ghal kuntratt ta` servizz jew kuntratt ta` impieg. Ghal din il-Qorti, dan ifisser li l-ligi riedet teskludi mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali kwistjonijiet li jaghmlu parti mill-pattijiet u kondizzjonijiet ta` kuntratt ta` servizz bejn principal u impjegat. Il-fehma ta` din il-Qorti tkompli ssib sostenn fis-subinciz (4) tal-Art.5. Ghalhekk il-vertenza specifika li hija mertu ta` din il-kawza hija ex contractu u bhala tali sindikabbli mill-qrati ordinarji. Fir-rigward tal-istess Taqsima II, din il-Qorti tghid b`mod generali li anke ghall-kwistjoni tal-gurisdizzjoni, id-disposizzjonijiet taghha ma ghandhomx jigu interpretati b`mod li l-partijiet jigu mcahhda mid-drittijiet akkwiziti taghhom anke fil-kuntest tas-subinciz (4) tal-Art.5 li jaqra hekk : Xejn f`dan l-artikolu ma ghandu jkun ta` pregudizzju ghal xi drittijiet li l-partijiet jistghu jkollhom minn xi kuntratt ta` servizz jew xi ftehim kollettiv skond id-disposizzjonijiet tat-Titolu II ta` dan l-Att jew ta` xi ligi ohra, inkluz il-Kodici Civili.*

**Minn din is-sentenza, sar appell mill-konvenuta li kien deciz fil-11 ta` Novembru 2011.**

Il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"L-ghaqda konvenuta appellat minn din is-sentenza, u qed tissottometti illi la darba l-pretensjonijiet attrici jinvolvu l-kundizzjonijiet tal-impieg trattati fit-Titolu I tal-Att, skont l-imsemmi Artikolu 75(1)(b), il-materja tista` biss tigi mistharga mit-Tribunal Industrijali.*

*L-Artikolu 75(1) tal-imsemmi Kap. 452 jiddisponi testwalment …*

*Minn qari ta` dan l-artikolu hu car li, kuntrarjament ghal dak li tissottometti l-ghaqda konvenuta, il-ligi ma taghtix gurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali biex din tiddeciedi fuq kull materja inkorporata fit-Titolu I tal-Att. Il-ligi taghti din il-gurisdizzjoni esklussiva fil-kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I. Fi kliem iehor, fejn it-Titolu I jikonferixxi gurisdizzjoni lit-Tribunal, dik il-gurisdizzjoni hi esklussiva.*

*Kieku l-hsieb kien mod iehor, il-ligi kienet sempliciment tghid li kull kwistjoni dwar xi haga imsemmija fit-Titoli I tal-Att, tista` tigi mistharrga biss mit-Tribunal Industrijali. Il-ligi, pero`, ma tghidx dan. Tghid, minflok, li l-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali hi radikata biss fil-kazijiet fejn hu allegat li saret tkeccija ingusta (Artikolu 75(1)(a)) u fil-kazijiet fejn it-Titolu I jaghti gurisdizzjoni lit-Tribunal.*

*Kieku kellu jkun mod iehor, anke dan is-subartikolu (1)(a) kien ikun superfluwu. Din id-dicitura hi ripetuta fis-subartikolu (2) tal-istess Artikolu 75 li jiddisponi li :*

*"(2) Meta jigi allegat li haddiem ikun tkecca b`mod ingust minn principal, jew fejn jigi allegat li kien hemm ksur ta` xi dmir li jorigina minn xi haga li taqa` taht il-gurisdizzjoni tatTribunal Industrijali taht it-Titolu I ta` dan l-Att jew ta` xi regolament*

*preskritt tahtu, il-kaz ghandu jjintbaghat lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu fuq talba bil-miktub ghal hekk maghmula mill-haddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna ohra f`isem u ghal dak il-haddiem."*

*Kwindi, kienet korretta l-ewwel Qorti meta qalet li mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.*

*…*

*Issa, t-talbiet tal-attur f`din il-kawza ma humiex marbuta ma` xi artikolu tal-ligi li taqa` taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali skont it-Titolu I. It-talbiet jirreferu ghall-hlas ta` paga skont il-kuntratt ta` impieg tal-attur, u hlas ghall-vacation leave. Il-materji jidhlu li jkunu kkonsidrati fil-kuntest ta` Titolu I (Relazzjonijiet dwar l-Impiegi), pero`, minn imkien f`dan it-Titolu ma tissoggetta din il-kwistjoni biex tigi kkonsidrata b`mod esklussiv mitTribunal.*

*Dan it-Tribunal huwa bord b`gurisdizzjoni specjali u ma ghandux jinghata setgha li ma giex espressament konferit lilu bis-sahha tal-ligi. It-Titolu I ma jaghtix "sahha" lit-Tribunal Industrijali ghall-materji kollha regolati b`dak l-istess Titolu, u fejn allura ma hemmx din l-attribuzzjoni, il-gurisdizzjoni ta` dawn il-qrati mhix eskluza.*

*Hemm punt iehor li jwassal ghall-konferma tas-sentenza tal-ewwel Qorti. L-ghaqda konvenuta tghid li gialadarba "parti" mit-talbiet tal-attur jinkwadraw ruhhom fuq kundizzjonijiet tal-impieg, allura l-gurisdizzjoni tispetta biss lit-Tribunal Industrijali. Din il-Qorti tara li jekk parti biss mit-talbiet tal-attur johorgu mill-kundizzjonijiet tal-impieg, allura s-sitwazzjoni hi bil-kontra ta` dak sottomess mil-ghaqda konvenuta. Dawn il-qrati, kif inghad, ghandhom gurisdizzjoni generali li jisimghu u jiddeciedu fuq kull kwistjoni bejn partijiet. Jekk ghandha gurisdizzjoni tisma`*

*aspetti ta` kaz, ghandha gurisdizzjoni tisma` u tiddeciedi fuq kull haga marbuta u relatata ma` dawk l-aspetti, u kwistjoni ma ghandhiex tinqasam billi parti tinstema` minn dawn il-qrati u parti minn tribunal iehor."*

[ara wkoll : Qorti tal-Magistrati (Malta) - 12 ta` Frar 2014 - **Charichelon Company Limited v. Amanda Greaves** ; Qorti tal-Magistrati (Malta) - 8 ta` Lulju, 2015 - **Ian Falzon v. L-Awtorita` tat-Trasport f`Malta** ; Prim`Awla tal-Qorti Civili - 10 ta` Gunju 2014 - **Joseph Avellino v. Citadel Insurance plc ;** Prim`Awla tal-Qorti Civili – 7 ta` Lulju 2017 - **Anthony Boyanzis vs Milano Due Limited]**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-qorti tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta.**

**Tiddikjara li ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi din il-kawza.**

**L-ispejjez ta` din id-decizjoni jithallsu mill-konvenuta.**

**Tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**